MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Numru. 298/2000

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**John Mary Axiaq**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat John Mary Axiaq sive James ta’ 28 sena, iben John u l-mejta Guza nee` Axiaq, imwieled Pieta` fit-28 ta’ Gunju 1972, joqghod 160, Triq il-Kbira, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita` numru 297572(M):

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, f’Haz Zabbar, fl-4 ta’ Ottubru 2000 u fl-ahhar sena qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkonsenja, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) U kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985, kif emendat;

d) U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkonsenja medicina specifikata u psikotropika lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu u dan bi ksur tar-Regolament 10(2) tal-Avviz Legali 22 tal-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att V tal-1985, kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2013, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif presjeduta milli terga' tisma l-provi li kienu migjuba quddiem il-Qorti, kif diversament presjeduta, sa dakinhar;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x'Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-fatt li taw lok ghal dan il-kaz, fil-qosor, kienu s-segwenti: Fl-4 ta' Ottubru 2000, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, fejn instabet sustanza kannella suspettata droga eroina fuq mejda fil-kcina, kif ukoll erbat iqratas bi trab ukoll suspettat eroina u numru ta' pilloli. Instabu wkoll xi strixxi tal-karti vojta, pitazz b'xi bicciet maqtughin jew karti neqsin u zewg rombli *foil*, somma ta' tlett mitt Lira Maltin taht is-saqqu tas-sodda u somma ohra ta' sebgha u erbghin Lira Maltin fil-gradenza, *blade* u riga.[1] Skond ix-xhieda ta' **PC 1473 Simon Deguara**[2], waqt li kienet qeghda ssir osservazzjoni fuq l-imputat, giet innutata persuna diehla fir-residenza tieghu. Huma marru warajh, habbtu u dahlu fir-residenza tal-imputat.

Mir-relazzjoni tal-espert, l-Ispizjar Mario Mifsud[3], jirrizulta illi d-dokumenti li gew mghoddija lill-istess espert ghall-analizi kienu jikkonsistu *inter alia* fis-segwenti: pitazz tal-marka 'Oxford' b'linji wesghin u b'faccati mqattghin, hames bicciet ta' karti bojod b'linji wesghin, qartas tal-karti abjad bi trab ta' lewn kannella, kontenitur tal-*plastic* li go fih kien hemm zewg *blister packs* b'14-il pillola f'kull *pack* u hames qratas tal-karti bojod b'linji wesghin, li go erbgha minnhom kien hemm trab ta' lewn kannella. Il-qartas l-iehor kien vojt. Kien hemm ukoll zewg pakketti tal-*foil* uzati u bicca *foil* zghira.

Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert, ma kienx hemm *mechanical fit* bejn il-bicciet tal-karti u l-faccati tal-pitazz min-naha l-wahda u l-karti tal-qratas min-naha l-ohra. It-28 pillola kienu dawk tad-*Dihydrocodeine* ta' doza ta' 30 mg, liema pilloli huma kkontrollati bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Sezzjoni B tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta. It-trab kannella li nstab fil-qratas, f'ammont nett totali ta' 0.55 grammi, kien fih is-sustanza eroina. Il-qartas li nstab fuq il-mejda tal-kcina kien fih trab bil-piz ta' 0.321 grammi, fil-waqt illi t-trab fil-qratas l-ohrajn kellu

[1] Dwar din it-tfittixja ara x-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud (a fol. 25 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' PC 246 Vincent Cesare (a fol. 28 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PC 1473 Simon Deguara (a fol. 38 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 38 *et seq* tal-process.
[3] A fol. 51 *et seq* tal-process.

s-segwenti piz rispettivament: 0.056 grammi, 0.050 grammi, 0.071 grammi u 0.052 grammi. Kien hemm ukoll qartas li kien vojt.

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija fl-4 ta' Ottubru 2000 u dan wara li nghata d-debita twissija skond il-ligi, liema stqarrija huwa ghazel li ma jiffirmahiex.[4] Huwa xehed ukoll f'dawn il-proceduri.[5]

F'dawn il-proceduri xehed ukoll **Lee Bromidge**[6], li rrilaxxja stqarrija guramentata ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101, dakinhar stess tal-4 ta' Ottubru 2000.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga eroina.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

[4] A fol. 6 *et seq* tal-process.
[5] A fol. 125 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 108 *et seq* tal-process.

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Kif inghad, izjed 'il fuq, fl-4 ta' Ottubru 2000, gewwa r-residenza tal-imputat, instabu qartas tal-karti abjad bl-eroina (dan it-trab kellu piz ta' 0.321 grammi) u erbat iqratas ohrajn ukoll bl-eroina (bil-piz rispettiv ta' 0.056 grammi, 0.050 grammi, 0.071 grammi u 0.052 grammi). Instab ukoll pitazz, b'faccati mqattghin, hames bicciet tal-karti u qartas vojt. Il-pitazz, il-hames bicciet tal-karti u l-qartas tal-karti abjad bl-eroina kienu jinsabu fuq il-mejda tal-kcina.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu[7], l-imputat jghid illi huwa ma jahdimx, li kien qieghed jirregistra u li kien jaqla' madwar Lm29 fil-gimgha. B'referenza ghall-qartas bl-eroina li nstab fuq il-mejda tal-kcina, huwa jghid illi fuq il-mejda kien hemm gramma u li l-erbat iqratas l-ohra li kienu fil-*cupboard* kienu minnha stess. Jghid illi huwa jabbuza minn pakkett tat-*ten* kuljum u li kien ilu tlett xhur jaghmel uzu mill-eroina. Jghid ukoll illi jumejn qabel, huwa kien xtara gramma eroina, li ghaliha hallas Lm25 u li fl-ahhar jumejn ha minn din il-gramma. Mistoqsi kif filghodu kien qal illi huwa kien qieghed jiehu hames pakketti kuljum, huwa wiegeb li kien qieghed hazin. Qal li kien johrog madwar ghaxar pakketti minn gramma u mistoqsi kif kien qed jghix u kif faddal Lm300 meta kien jaqla' biss Lm29 fil-gimgha u hallas Lm25 ghal gramma eroina, huwa

[7] A fol. 6 *et seq* tal-process.

wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi kienx qieghed ibiegh id-droga, huwa qal "*ma nafx*", ghalkemm izjed tard jichad li jbiegh id-droga u meta gie suggerit lilu li bosta nies cemplulu fuq il-*mobile* tieghu 0982 7044 biex ibieghilhom id-droga, huwa rega' cahad li jbiegh id-droga. Mistoqsi ghalfejn kien qal "*ma nafx*" meta gie mistoqsi jekk ibieghx droga, mentri wara cahad li jbiegh id-droga, l-imputat rega' wiegeb li ma kienx jaf.

Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi huwa qatt ma biegh droga.[8]

Issa la darba l-imputat jghid illi kien xtara gramma eroina jumejn qabel, li d-droga li kien hemm fuq il-mejda u fil-qratas kienu mill-istess gramma u li huwa ma kienx ibiegh l-eroina u la darba nstab ammont nett totali ta' 0.55 gramma, ifisser illi fi zmien ta' jumejn huwa kien ghamel uzu mill-istess droga, li jfisser ukoll ghalhekk li kien uza 0.45 gramma. Isewgi ukoll jekk wiehed verament jemmen illi l-imputat abbuza minn 0.45 gramma eroina wahdu f'jumejn u la darba huwa jghid illi kien jabbuza mid-droga kuljum, illi din il-gramma ma kinitx ser isservih izjed minn hamest ijiem u jsegwi wkoll ghalhekk illi l-imputat kien jonfoq izjed minn Lm25 fil-gimgha fuq droga biss. Mela hawn si tratta ta' persuna li ma jahdimx, ghandu introjtu ta' Lm29 fil-gimgha ghaliex jirregistra, jonfoq izjed minn Lm25 fil-gimgha fi droga, irid jiekol u jghix u addirittura jirnexxielu jfaddal somma ta' Lm300, apparti somma ohra ta' Lm47 li nstabet separata mis-somma ta' Lm300 gewwa r-residenza tieghu. Imbaghad l-imputat, meta mistoqsi kif kien faddal din is-somma ta' Lm300 f'dawn ic-cirkostanzi, jghid li ma kienx jaf. In oltre li kieku l-imputat, kif jghid hu, kien jiehu pakkett tat-*ten* kuljum – u cioe` pakkett ta' Lm10 – dan ifisser li kien jonfoq Lm70 fil-gimgha fuq droga!

F'dawn ic-cirkostanzi, huwa tassew inverosimili illi l-imputat ma kellux dhul iehor minn banda ohra sabiex imantni l-vizzju tieghu. L-imputat ma seta' qatt isostni l-vizzju tieghu minghajr ebda introjtu iehor, ghajr ghad-Lm29 fil-gimgha

[8] A fol. 126 tal-process.

li kien idahhal u mhux talli hekk, talli rnexxielu wkoll igemma' somma flus, li ma kinitx zghira tenut kont ic-cirkostanzi li kien jinsab fihom l-imputat.

Irid jinghad ukoll illi lanqas ma huwa minnu dak li jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa kien iqassam gramma f'madwar ghaxar pakketti, ghaliex fil-fatt il-qratas li nstabu fil-*cupboard* kellhom piz ta' inqas minn 0.1 gramma u tenut kont tal-qratas misjuba, l-imputat kien izjed johrog madwar ghoxrin pakkett minn gramma milli ghaxar pakketti kif jghid hu.

Imbaghad hemm ukoll l-oggetti l-ohrajn li nstabu fuq il-mejda tal-kcina tar-residenza tal-imputat.  Veru illi skond ir-relazzjoni tal-espert, ma kienx hemm *mechanical fit* bejn il-bicciet tal-karti li nstabu u l-pitazz min-naha l-wahda u l-qratas li fihom instabet l-eroina min-naha l-ohra, izda l-fatt illi apparti li nstabet l-eroina maqsuma fi qratas ta' pizijiet simili, instabu wkoll bicciet tal-karti lesti u anke pitazz bil-folji mqattghin, jindika car x'kien bi hsiebu jaghmel l-imputat bil-bqija tal-eroina li kienet tinsab fuq il-mejda, izjed u izjed ghaliex skond PC 1473, il-qartas li kien jinsab fuq il-mejda kien miftuh.

Il-Qorti tinnota wkoll illi r-risposti li jaghti l-imputat fl-istqarrija tieghu m'huma xejn konvincenti – jghid illi l-persuna li dahlet ghandu ftit qabel dahlu l-Pulizija, certu Vanni, mar ghandu sabiex jissellef *film*, illi meta habtu l-*letter box* il-Pulizija huwa qabad u fetah ghaliex haseb li kienet nanntu (u dan kollu mentri kellu qartas eroina miftuh fuq il-mejda) u mistoqsi jekk kienx qed ibiegh droga, f'punt minnhom jghid li ma kienx jaf.

Dawn huma kollha cirkostanzi li jwasslu lil din il-Qorti sal-konvinciment morali illi d-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu u li c-cahda tal-imputat li huwa qatt biegh droga, f'dawn ic-cirkostanzi, mhijiex wahda kredibbli u attendibbli.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel imputazzjoni fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fit-tieni lok, l-imputat gie akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, traffika d-droga eroina.

L-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward hija l-istqarrija guramentata ta' Lee Bromidge, kif ukoll ix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward, ghalkemm din il-kawza tirrisali ghas-sena 2000 u l-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha f'Mejju 2013, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni huma tassew skarsi, tant illi din il-Qorti lanqas tista' tasal, mill-provi prodotti, ghac-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest u l-interrogazzjoni tal-imsemmi Lee Bromidge.

Jibda biex jinghad illi ftit tal-hin qabel saret it-tfittxija fir-residenza tal-imputat, il-Pulizija raw persuna diehla fl-istess residenza, huma marru warajh, habbtu, infetah il-bieb u dahlu.[9] Fix-xhieda taghhom, il-Pulizija li kienu prezenti ghal din it-tfittxija, ma jindikawx min kien dan il-persuna, bhal ma lanqas jindikaw jekk dan giex investigat, jekk sarulux xi domandi u jekk iva, x'intqal ezattament. Biss fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi dak il-hin li marru l-Pulizija fir-residenza tieghu, gewwa daru kien hemm certu Vanni u matul l-istqarrija l-Ufficjal Investigatur ikompli jirreferi ghal dan Vanni, ghalkemm l-isem ezatt ta' din il-persuna mhuwiex indikat.

---

[9] Ara xhieda ta' PC 1473 Simon Deguara.

Fl-atti gie esebit process verbal[10] li jikkontjeni *inter alia* l-istqarrija guramentata ta' certu Lee Bromidge, li jindika fl-istess stqarrija illi l-imputat (ghalkemm ma jsemmihx b'ismu) kien offra li jfornieh bid-droga eroina.

F'dik l-istqarrija li huwa kkonferma bil-gurament tieghu fl-4 ta' Ottubru 2000[11], meta mistoqsi dwar ic-cirkostanzi li waslu ghall-arrest tieghu, Bromidge jghid illi huwa kien qieghed fejn il-pjazza ta' Rahal Gdid biex jinqeda ghall-pakkett eroina u li hemmhekk kien qed jistenna lil wiehed, li ma kienx jaf x'jismu. Skond hu, l-ewwel darba li kien iltaqa' mieghu kien fil-jum ta' qabel, ghall-habta tas-6.30 p.m. Dan tah in-numru tal-*mobile* tieghu fuq kartuna tar-rizla (liema kartuna tinsab esebita fl-atti tal-istess process verbal u li fuqha hemm indikat in-numru 0982 7044). Qal illi dan ir-ragel kien jinsab barra arrestat u li kellu misluta f'xufftejh. Bromidge qal ukoll illi huwa kien ser ihallsu Lm10 ta' pakkett, qal li kien cempillu u staqsih fejn kienu ser jiltaqghu u l-iehor wiegbu '*fejn il-pjazza ta' Rahal Gdid*'. Huwa ma kien talbu xejn, izda fehem li kellhom jiltaqghu sabiex jixtri l-eroina. Qal illi dak iz-zmien huwa kien *clean* minhabba x-xoghol, li kien ser jixtri wahda tal-ahhar, qabel jerga' jmur id-Danimarka fuq ir-*rigs* u li l-ahhar li ha droga f'Malta kien xi sena u nofs qabel. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, imbaghad, Bromidge zied jghid illi kien dan il-persuna li kien jaf lilu di vista ghaliex hu ma kienx jafu u fil-fatt lanqas ma kien jaf x'jismu. Dan ghajjatlu minn fuq il-karozza tal-linja li kien tiela' fuqha x-xhud u qallu li jekk ikun irid xi droga jista' jaqdieh u tah in-numru tat-telefon billi kitibulu fuq bicca karta tar-rizla. Gharaf il-karta tar-rizla bhala dik esebita fil-process verbal u kkonferma li kien l-iehor li kiteb dan in-numru. Qal ukoll illi huwa ma xtaqx jixhed fil-presenza ta' din il-persuna minhabba s-sigurta` ta' familtu.

Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri[12], Bromidge mill-ewwel deher riluttanti sabiex jixhed, konvenjentement ma ftakarx dak li qal fl-istqarrija guramentata u lanqas biss li deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti sabiex jikkonferma l-istqarrija tieghu, ghalkemm wara qal ukoll illi dakinhar kien taht l-effett tad-droga u illi kien qal dak li qal sempliciment ghax ried jehles biex

[10] A fol. 13 tal-process.
[11] A fol. 16 *et seq* tal-process verbal.
[12] A fol. 108 *et seq* tal-process.

ifittex isiefer sabiex imur fuq il-post tax-xoghol. Madankollu, ftakar minflok storja ohra, ghal kollox differenti minn dik li kien irrakkonta lill-Pulizija u kkonferma quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Fix-xhieda tieghu, Bromidge jghid illi huwa u l-imputat kienu hbieb, li huwa kellu problema tad-droga, bhal imputat u li kemm hu, kif ukoll l-imputat kienu ghamlu programm. Jghid illi lill-imputat kien ilu jafu zmien twil, kienu hbieb tat-triq u li fil-jum in kwistjoni ried jixtri d-droga, izda ma sabx jixtri, iltaqa' mal-imputat b'kumbinazzjoni gewwa pjazza f'Haz Zabbar, li l-imputat kellu ftit eroina u x-xhud beda jisforza lill-imputat sabiex jaghtih ftit minn tieghu, li huwa kien limitat fil-hin ghaliex ried isiefer fuq xoghol, marru d-dar tal-imputat, l-istess imputat tah ftit mid-droga tieghu u hekk kif tah id-droga, inqabdu mill-Pulizija. Mistoqsi fejn inqabdu mill-Pulizija, huwa qal li nqabdu Haz-Zabbar u li diga` kienu hargu mid-dar tal-imputat. Qal illi huwa gie arrestat. Skond hu, sabiex ma jitlifx ix-xoghol u stante li ried isiefer, apparti li kien taht l-influwenza tad-droga u biex jehles, kien qal illi xtara d-droga minghand l-imputat, izda li fil-verita` l-imputat kien tah id-droga b'xejn. Dan sehh biss f'okkazzjoni wahda. Qal illi din kienet il-verita` u li huwa kien diga` ha d-droga mid-dar tieghu qabel ma ltaqa' mal-imputat u li mbaghad ried jerga' jixtri l-eroina. Skond hu, kien ghadu ma hax mid-droga li kien tah l-imputat. Qal li l-ahhar li ltaqa' mal-imputat kien xi sena qabel, li kien iltaqa' mieghu gewwa San Blas u li ghalkemm tkellmu, ma tkellmux dwar dan il-kaz.

Fix-xhieda tieghu[13] imbaghad, l-imputat jghid illi huwa kien jaf lil Bromidge ghaliex kienu jiehdu l-*methadone* flimkien u li kien ikun Haz-Zabbar. Qal illi kemm hu, kif ukoll Bromidge kellhom il-vizzju tad-droga, izda huwa la qatt biegh droga lil hadd u lanqas lil Bromidge. Mistoqsi ghaliex Bromidge kien mar id-dar tieghu, huwa qal illi Bromidge kien qallu li ser isiefer, li hu kellu ftit droga, kellu pakkett zghir tal-eroina u haduha flimkien. Skond hu, Bromidge ma tahx flus u din grat f'okkazzjoni wahda. In kontro-ezami, l-imputat jghid illi la kien jiftakar kemm kien ilu bil-vizzju tad-droga dak iz-zmien u lanqas kemm kien ilu jaf lil Bromidge. Mistoqsi jekk hu u Bromidge kinux hbieb, jghid li kien jarah ghall-*methadone* u li gieli tkellmu. Qal li hadu d-droga flimkien u x'aktarx, ghaliex ma kienx jiftakar ezatt, haduha fuq il-*foil.*

---

[13] A fol. 125 *et seq* tal-process.

Issa kif diga` inghad izjed il'fuq, il-Qorti ma sabet xejn fix-xhieda moghtija mill-Pulizija li esegwew it-tfittxija u li kienu nvoluti fl-arrest tal-imputat, inkluz fix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud li nvestiga kemm lill-imputat, kif ukoll lil Bromidge, illi jista' jispjega c-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest ta' Bromidge. Fl-atti hemm biss il-process verbal li jikkontjeni x-xhieda guramentata tal-istess Bromidge. Kif inghad ukoll izjed il'fuq, fl-istqarrija tieghu, l-imputat isemmi lil certu Vanni li kien id-dar tieghu fil-hin li l-Pulizija marru fir-residenza tal-istess imputat. Il-Qorti tiddubita kemm dan Vanni kien fil-fatt Lee Bromidge ghaliex, apparti illi l-ismijiet m'ghandhomx x'jaqsmu ma' xulxin, minn harsa lejn l-istqarrija rilaxxjata minn Bromidge, li sussegwentement giet ikkonfermata minnu bil-gurament, meta gie mistoqsi dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest tieghu, huwa jghid li kien qieghed hdejn il-Pjazza ta' Rahal Gdid u ghalhekk mhux fir-residenza tal-imputat. Li kieku dan Bromidge kien l-istess Vanni li nstab mal-imputat fir-residenza tieghu, wiehed jistenna illi l-Ufficjal Investigatur kien jistaqsih x'kien qed jaghmel fir-residenza tal-imputat, mentri fil-fatt m'hemm l-ebda accenn fl-istess stqarrija li dan seta' kien il-kaz. In oltre fix-xhieda tieghu, Bromidge jghid illi huwa inqabad mill-Pulizija hekk kif l-imputat u hu hargu mir-residenza tieghu, gewwa Haz-Zabbar, mentri mix-xhieda tal-Pulizija jirrizulta illi huma kienu qed josservaw ir-residenza tal-imputat, fejn kien qieghed l-istess imputat u illi huma dahlu fl-istess residenza. Apparti minn hekk, Bromidge jghid ukoll illi l-imputat kien ghadu kif tah ftit mill-eroina tieghu u li kien ghadu ma kkonsmahiex meta nqabad mill-Pulizija, f'liema cirkostanzi wiehed kien jistenna illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, huwa kien jigi mistoqsi dwar id-droga li nstabet fuqu, izda ma kien hemm xejn minn dan kollu. Irid jigi rilevat ukoll illi Bromidge irrilaxxja l-istqarrija tieghu fl-4 ta' Ottubru 2000, fis-1.00 p.m., fejn jirreferi ghas-6.30 p.m. tal-jum ta' qabel bhala l-hin li fih l-imputat offrielu li jfornieh bid-droga, li jfisser ghalhekk illi huwa gie arrestat fl-istess jum li gie arrestat l-imputat u li Bromidge ma setax kien qed jirreferi ghal xi jum iehor li fih l-imputat tah mid-droga tieghu, ghajr il-jum li fih ukoll gie arrestat l-istess imputat, anke ghaliex huwa jghid, fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, illi huwa u l-imputat gew arrestati flimkien. Skond it-*tags* li kienu jinsabu fid-dokumenti mghoddija lill-espert Mario Mifsud ghall-analizi, jirrizulta wkoll illi l-oggetti misjuba fir-residenza tal-imputat gew elevati fid-9.30 a.m. u skond l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, din ittiehdet fis-6.00 p.m. li

jfisser ukoll illi bejn id-9.30 a.m. u s-6.00 p.m., l-imputat zgur illi kien fil-kustodja tal-pulizija u li f'dak il-hin zgur illi ma giex innutat mill-Pulizija flimkien ma' Bromidge gewwa Haz-Zabbar. Fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda ta' Bromidge la hija kredibbli u wisq inqas attendibbli u li l-unika intenzjoni tieghu f'dawn il-proceduri, kienet biss li jipprova jiskolpa lill-imputat, minkejja li anke l-provvista tad-droga minghajr hlas tikkostitwixxi traffikar. L-imputat, mill-banda l-ohra, ben konsapevoli li jista' jiggwadanja mill-eccezzjoni li taghmel il-ligi fil-kaz tat-traffikar *by sharing*, jghid illi hu u Bromidge qasmu d-droga eroina li huwa kellu, bejniethom. Kif u meta hu u Bromidge ghamlu dan, l-imputat ma jghidx, apparti li Bromidge, mill-banda l-ohra, jghid illi huwa ma lahaqx ikkonsma d-droga ghaliex telaq il'barra biha mal-imputat.

Il-Qorti fil-fatt temmen illi l-verzjoni veritiera ta' dak li kien gara bejn Bromidge u l-imputat kienet dik li ta l-istess Bromidge *a tempo vergine*, fl-istqarrija li huwa kkonferma bil-gurament tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Fl-ewwel lok, meta Bromidge gie mistoqsi fejn u ghaliex kien gie arrestat, huwa jghid illi kien qieghed hdejn il-Pjazza ta' Rahal Gdid u mhux gewwa Haz-Zabbar u li kieku dan ma kienx minnu, wiehed jistenna illi l-Ufficjal Investigatur kien jaghmel xi accenn ghal dan fid-domandi tieghu. Fit-tieni lok, Bromidge jghid ukoll illi l-persuna li offrielu li jaqdih bid-droga, kien kitiblu n-numru tal-*mobile* tieghu fuq bicca kartuna tar-rizla, liema kartuna fil-fatt instabet fil-pussess ta' Bromidge u fuqha jidher in-numru 0982 7044. Fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, ghalkemm huwa ma giex mistoqsi direttament x'kien in-numru tal-*mobile* tieghu, f'punt minnhom l-Ufficjal Investigatur jissuggerilu illi bosta nies cemplulu fuq il-*mobile* bin-numru 0982 7044 sabiex ibieghilhom id-droga, ghal-liema suggeriment l-imputat iwiegeb fin-negattiv, izda ma jichadx li dan kien fil-fatt in-numru tieghu. In oltre ghalkemm Bromidge jghid illi huwa ta l-verzjoni originali tieghu ghaliex kien taht l-effett tad-droga u sabiex jehles ghaliex ried isiefer lejn il-post tax-xoghol tieghu, il-Qorti temmen li dan ma kienx il-kaz, ghaliex wiehed li jkun mghaggel u taht l-effett tad-droga ma jivvintax storja kumplessa u mbaghad jirnexxielu wkoll jsostni l-istorja tieghu bi provi diretti u konkreti bhal fatt li kellu fil-pussess tieghu kartuna tar-rizla bin-numru tal-*mobile* tal-imputat. Dan apparti illi kif inghad, fix-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti, Bromidge ma kienx kredibbli.

Biss ghalkemm il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi l-imputat kien offra li jforni d-droga eroina lil Bromidge, liema offerta tammonta ghal traffikar ta' droga ai termini tal-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjoni (b), bhal dik ta' qabilha, tirreferi bhala lok ghal Haz-Zabbar. Bromidge jghid fl-istqarrija guramentata tieghu illi huwa kien qed jistenna lill-persuna li offrietlu d-droga hdejn il-Pjazza ta' Rahal Gdid u li fil-jum ta' qabel, dan il-persuna kien ghajjatlu waqt li huwa kien tiela' fuq tal-linja. Ix-xhud la gie mistoqsi u lanqas jghid fl-istqarrija tieghu, fejn kienu qeghdin hu u l-persuna l-ohra meta gara dan. Lanqas ma jirrizulta mill-atti, fejn kien l-imputat meta Bromidge cempillu ghad-droga, fil-jum li fih irrilaxxja l-istqarrija, ghalkemm jista' jkun li l-imputat diga` kien qieghed fil-kustodja tal-pulizija dak il-hin, bhal ma lanqas ma jirrizulta illi fil-fatt kien l-imputat li wiegeb it-telefonata ta' Bromidge. Li jirrizulta biss huwa li Bromidge inniffsu kien qed jistenna lill-imputat hdejn il-Pjazza ta' Rahal Gdid u xejn izjed.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri</u>**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' April 2012, l-appellat gie akkuzat permezz ta' citazzjoni fejn gie ndikat illi l-allegat stupru gie kommess fuq il-parti leza "*fis-sajf tal-1992 <u>fil-Marfa</u>*". Il-parti leza, fix-xiehda tieghu matul il-kompilazzjoni tal-provi, xehed li sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp. Il-Qorti, f'dak il-kaz, irriteniet hekk:

"8. *Jekk tul il-kumpilazzjoni Leonard Camilleri qal li kien sehh stupru fl-Istitut ta' San Guzepp, il-prosekuzzjoni setghet taghmel dak li solitament isir, u cioe` li tintalab korrezzjoni fic-citazzjoni. Meta l-Avukat Generali rrinvija l-atti ghall-gudizzju minghajr ma talab li ssir korrezzjoni fit-tieni imputazzjoni, kien qieghed jintrabat "mal-fatti" kif espressi fl-imputazzjonijiet originali. Il-provi li ressqet il-prosekuzzjoni kienu dwar allegat stupru li sehh fl-Istitut ta' San Guzepp. L-appellat gie akkuzat li kkommetta stupru fil-Marfa. Dawn huma postijiet f'inhawi ghal kollox differenti f'Malta. …*

*9. Ghalhekk, galadarba permezz tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, il-prosekuzzjoni baqghet marbuta ma' l-imputazzjoni originali, u li dwarha l-ewwel Qorti kkonkludiet li dik l-imputazzjoni (it-tieni wahda) "**ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata kif dedotta**" (sottolinear ta' din il-Qorti), l-aggravju ta' l-Avukat Generali f'dar-rigward ma jistax jigi milqugh."*

Fil-kaz odjern, il-Qorti hija rinfaccjata b'sitwazzjoni li tmur oltre ic-cirkostanzi tal-kaz citat. F'dan il-kaz, mhux talli ma giex ippruvat illi l-offerta` da parti tal-imputat sehhet f'post X minflok f'Haz-Zabbar, fit-termini tal-imputazzjoni odjerna, talli din il-Qorti lanqas ma tista' tasal ghal-lok fejn kien jinsab l-imputat meta offra d-droga l-ewwel darba lil Bromidge u ghalhekk zgur illi ma tistax tasal ghall-konvinciment morali illi l-offerta u ergo t-traffikar tad-droga da parti tal-imputat saret gewwa Haz-Zabbar.

Ghaldaqstant, it-tieni imputazzjoni, kif dedotta kontra l-imputat, ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-imputazzjoni (c), l-imputat gie akkuzat ukoll talli kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika. Jirrizulta car mill-provi migjuba, illi matul it-tfittxija fir-residenza tal-imputat, instabu xi pilloli li, mir-relazzjoni tal-espert Mario Mifsud[14], jirrizulta li kienu 28 pillola f'zewg *blister packs* b'14-il pillola f'kull *pack* tad-*Dihydrocodeine* ta' doza ta' 30 mg.

Dawn il-pilloli huma kkontrollati bil-ligi taht it-Tieni Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[14] A fol. 51 *et seq* tal-process.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi dawn kienu tieghu u li ma kellux *control card* fir-rigward ta’ dawn il-pilloli.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, din l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat.

Illi permezz tal-imputazzjoni (d), imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli kkonsenja medicina specifikata u psikotropika bi ksur tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, kif ukoll bil-pussess aggravat tal-istess medicina. Fil-fatt, stante illi l-medicina in kwistjoni hija skedata taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’dan il-kaz huma applikabbli r-Regolamenti 4, 5 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02.

Fir-rigward ta’ din l-imputazzjoni, fl-ewwel lok ma ngabet assolutament l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat fil-fatt ikkonsenja jew forna minn din il-medicina lil terzi persuni u ghaldaqstant din il-Qorti m’hijiex qed issibu hati ta’ ksur tar-Regolamenti 4 u 5 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02. Fit-tieni lok, l-unika prova li ngabet fir-rigward tal-imputazzjoni ta’ pussess aggravat hija l-ammont ta’ pilloli li nstabu fil-pussess tal-imputat. Kif inghad dawn il-pilloli – 28 b’kollox – kienu ghadhom f’zewg *blister packs* ta’ erbatax-il pillola il-pakkett.

Issa ghalkemm kif inghad izjed il’fuq, prova ossia cirkostanza wahda tista’ skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed sabiex il-Qorti tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu quddiemha mill-Prosekuzzjoni, illi l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, madankollu f’dan il-kaz a bazi biss tal-ammont ta’ medicina misjuba, il-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-istess medicina ma kinitx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-imputazzjoni (d) migjuba kontra l-imputat fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien li kkommetta r-reati in kwistjoni, liema fedina kienet tikkonsisti f'sejbien ta' htija dwar reat kontravvenzjonali.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat instab fil-pussess ta' 0.55 gramma eroina u ta' 28 pillola *Dihydrocodeine* ta' 30mg. Qieset ukoll illi ghalkemm dan il-kaz jirrisali ghas-sena 2000, il-proceduri twalu mhux biss ghal ragunijiet imputabbli lill-Prosekuzzjoni, izda wkoll ghal ragunijiet imputabbli lill-istess imputat.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) u t-Tieni Parti tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939 u l-Artikolu 17 (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (b) u (d) migjuba fil-konfront tieghu u qed tilliberah minnhom u ssibu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u tikkundannah ghall-piena ta' **tminn (8) xhur prigunerija effettiva** u **multa ta' disa' mitt Euro** (**€900)**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u

ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti m'hijiex qeghda tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex fiz-zmien tar-reati in kwistjoni, qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005, l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien jezigi t-talba tal-prosekuzzjoni ghall-kundanna dwar il-hlas tal-ispejjez, liema talba ma saritx fic-*charge sheet* odjerna.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, esebiti bhala Dokument JM1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll il-konfiska, favur il-Gvern ta' Malta, tal-flus elevati mill-pussess tal-hati, esebiti bhala Dokument JM2 u JM3u dan ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------